**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B **ID-DIRETTIVA (KE) Nru 2001/77KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tas-27 ta' Settembru 2001**

**fuq il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli fis-suq intern ta' l-elettriku**

(ĠU L 283 , 27.10.2001, p. 33)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►A1 | Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea | L 236 | 33 | 23.9.2003 |

▼B

**ID-DIRETTIVA (KE) Nru 2001/77KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tas-27 ta' Settembru 2001**

**fuq il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli fis-suq intern ta' l-elettriku**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]),

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([4]),

Billi:

(1) Il-potenzjal għall-isfruttament ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli mhux użata biżżejjed fil-preżent. Il-Komunità tirrikonoxxi l-bżonn li tħeġġeġ sorsi ta' enerġija rinovabbli bħala miżura prioritarja billi l-isfruttment tagħhom jikkontribwixxi għall-protezzjoni ta' l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli. Barra dan, dan jista' joħloq ukoll impjiegi lokali, ikollu impatt pożittiv fuq il-koeżjoni ambjentali, jikkontribwixxi għas-sigurezza tal-provista u jagħmilha possibbli li jintlaħqu l-miri ta' Kyoto iktar malajr. Huwa għalhekk meħtieġ li jkun zgurat li dan il-potenzjal huwa sfruttat aħjar fil-qafas tas-suq intern ta' l-elettriku.

(2) Il-promozzjoni ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli hija prijorità kbira tal-Komunità kif imfissra fil-*White Paper* fuq Sorsi ta' Enerġija rinovabbli (minn hawn 'il quddiem Imsejħa bħala l-"*White Paper*") għal raġunijiet ta' sigurtà u diversifikazzjoni tal-provista ta' l-enerġija, ta' protezzjoni ambjentali u ta' koeżjoni soċjali u ekonomika. Dan kien imseddaq mill-Kunsill fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 1998 fuq sorsi ta' enerġija rinovabbli ([5]), u mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu fuq il-*White Paper.* ([6])

(3) L-użu akbar ta' enerġija prodotta minn sorsi ta' enerġija rinovabbli jikkostitwixxi parti importanti tal-pakkett ta' miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mal-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Bidla fil-Klima, u ta' kull pakkett ta' politika biex jitħarsu l-impenji.

(4) Il-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Mejju 1999 u l-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 1998 fuq l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli ([7]) stiednu lill-Kummissjoni biex tissottometti proposta konkreta għal qafas Komunitarju għall-aċċess għall-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli għas-suq intern. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Marzu 2000 fuq l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli u s-suq intern ta' l-elettriku ([8]) jisħaq li miri li jorbtu u ambizjużi dwar l-enerġija rinovabbli fil-livell nazzjonali huma essenzjali biex jinkisbu r-riżultati u jintlaħqu l-miri tal-Komunità.

---

([1]) ĠU C 311, tal-31.10. 2000, pġ. 320 u ĠU C 154 E, 29.5.2001, pġ. 89.
([2]) ĠU C 367, ta' l-20.12.2000, pġ. 5.
([3]) ĠU C 22, ta' l-24.1.2001, pġ. 27.
([4]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Novembru 2000 (ĠU C 223, tat-8.8.2001, pġ. 294), Posizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-23 Marzu 2001 (ĠU C 142, tal-15.5.2001, pġ. 5) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-4 ta' Lulju 2001 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2001.
([5]) ĠU C 198, tas-17.11.1996, pġ. 1.
([6]) ĠU C 210, 6.7.1998, pġ. 215.
([7]) ĠU C 210, tas-6.7.1998, pġ. 143.
([8]) ĠU C 378, tas-27.6.2000, pġ. 89.

▼B

(5) Biex tkun żgurata penetrazzjoni tas-suq akbar ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli f'terminu medju, l-Istati Membri għandhom jenħtieġu li jiffissaw miri indikattivi nazzjonali għall-konsum ta' l-enerġija prodotta minn sorsi rinovabbli.

(6) Dawn il-miri indikattivi nazzjonali għandhom ikunu konsistenti ma' kull impenn nazzjonali magħmul bħala parti mill-impenji ta' bidla fil-klima aċċettata mill-Komunità taħt il-Protokoll ta' Kyoto.

(7) Il-Kummissjoni għandha tistma kemm l-Istati Membri għamlu progress biex jilħqu l-miri indikattivi nazzjonali, u safejn il-miri indikattivi nazzjonali huma konsistenti mal-mira indikattiva globali ta' 12 % tal-konsum gross domestiku ta' l-enerġija sa l-2010, meta wieħed jikkunsidra li l-mira indikattiva tal-*White Paper* ta' 12 % għall-Komunità sħiħa sa l-2010 tipprovdi gwida utli għal aktar sforzi fil-livell tal-Komunità kif ukoll fl-Istati Membri, waqt li jitfakkar il-bżonn li jkunu riflessi ċirkostanzi nazzjonali differenti. Jekk meħtieġ biex jintlaħqu l-miri, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jistgħu jinkludu miri obbligatorji.

(8) Meta jużaw l-iskart bħala sorsi ta' enerġija, l-Istati Membri għandhom iħarsu l-leġislazzjoni tal-Komunit kurrenti fuq il-ġestjoni ta' l-iskart. L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-definizzjonijiet murija fl-Anness 2º u 2b tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 fuq l-iskart ([1]). L-appoġġ għals-sorsi ta' enerġija rinovabbli għandu jkun konsistenti ma' l-oġġettivi l-oħra tal-Komunità, partikolarment ir-rispett għall-ġerarkija tat-trattament ta' l-iskart. Għalhekk, l-inċenerazzjoni ta' skart muniċipali mhux separat m'għandux ikun promoss taħt sistema ta' appoġġ fil-ġejjieni, jekk dik il-promozzjoni tista' twaqqa' l-ġerarkija.

(9) Id-definizzjoni ta' biomassa użata f'din id-Direttiva ma tiġġudikax minn qabel l-użu ta' definizzjoni differenti fil-leġislazzjoni nazzjonali, għall-finijiet li m'humiex dawk ipprovduti f'din id-Direttiva.

(10) Din id-Direttiva ma teħtieġx l-Istati Membri li jirrikonoxxu x-xiri ta' garanzija ta' l-oriġini minn Stati Membri oħra jew ix-xiri korrispondenti ta' elettriku bħala kontribuzzjoni għat-tħaris ta' obbligu ta' kwota nazzjonali. Iżda, biex ikun iffaċilitat il-kummerċ fl-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli u biex tiżdied it-trasparenza għall-għażla tal-konsumatur bejn elettriku prodott minn mhux imġedded u elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli, hija meħtieġa l-garanzija ta' l-oriġini ta' dan l-elettriku. Skemi għall-garanzija ta' l-oriġini waħedhom ma jfissrux dritt għall-benefiċċju mill-mekkaniżmi ta' appoġġ nazzjonali stabbiliti fl-Istati Membri differenti. Huwa importanti li l-forom kollha ta' elettriku prodotti minn sorsi ta' enerġija rinovabbli huma koperti b'dawn il-garanziji ta' oriġini.

(11) Huwa importanti li ssir differenza bejn il-garanziji ta' oriġini b'mod ċar miċ-ċertifikati ħodor li jistgħu jiġu skambjati.

(12) Il-bżonn għall-appoġġ pubbliku favur sorsi ta' enerġija rinovabbli huwa rikonoxxut fil-linji ta' gwida tal-Komunità għall-għajnuna Statali għall-protezzjoni ta' l-ambjent ([2]), li, fost għażliet oħra, iqisu l-bżonn biex l-ispejjeż esterni għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku tkun internalizzata. Iżda, r-regoli tat-Trattat partikolarment l-Artikoli 87 u 88 tiegħu, għandhom ikomplu japplikaw għal dan l-appoġġ pubbliku.

(13) Għandu jkun stabbilit qafas leġislattiv għas-suq fis-sorsi ta' enerġija rinovabbli.

(14) L-Istati Membri joperaw mekkaniżmi differenti ta' appoġġ għal sorsi ta' enerġija rinovabbli, inkluż ċertifikati ħodor, għajnuna għall-investiment, eżenzjonijiet tat-taxxa jew riduzzjonijiet, rifużjonijiet tat-taxxa u skemi ta' appoġġ ta' prezz dirett. Mezz impor-

([1]) ĠU L 194, tal-11.5.1998, pġ. 39. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 96/350/KE (ĠU L 135, tas-6.6.1996, pġ. 32).
([2]) ĠU C 37, tat-3.2.2001, pġ. 3.

▼B

tanti wieħed biex jintlaħaq dan l-għan ta' din id-Direttiva hija biex tiggarantixxi l-funzjonament xieraq ta' dawn il-mekkaniżmi, sakemm qafas Komunitarju jitpoġġa fis-seħħ, biex tinżamm il-kunfidenza ta' l-investitur.

(15) Għadu kmieni wisq biex ikun deċiż qafas ġewwa l-Komunità kollha dwar skemi ta' appoġġ, minħabba l-esperjenza limitata fl-iskemi nazzjonali u s-sehem kurrenti relativament baxx tal-prezz ta' l-elettriku appoġġjat u prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli fil-Komunità.

(16) Iżda, jeħtieġ li jkunu addattati, wara perjodi transitorju suffiċjenti, skemi ta' appoġġ għas-suq intern li qed jiżviluppa. Huwa għalhekk xieraq li l-Kummissjoni tosserva s-sitwazzjoni u tippreżenta rapport fuq l-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni ta' skemi nazzjonali. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni għandha, fid-dawl tal-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, tagħmel proposta għall-qafas tal-Komunità fir-rigward ta' skemi ta' appoġġ prodotti minn sorsi ta' enerġija rinovabbli. Dik il-proposta għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu miri indikattivi nazzjonali, tkun kompatibbli mal-prinċipji tas-suq intern ta' l-elettriku u tqis il-karatteristiċi tas-sorsi differenti ta' enerġija rinovabbli, flimkien ma' teknoloġiji differenti u differenzi ġeografiċi. Għandha tippromwovi wkoll l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli b'mod effettiv, u tkun sempliċi u fl-istess ħin effiċjenti kemm jista' jkun, partikolarment f'termini ta' spiża, u tinkludi perjodi suffiċjenti transitorji ta' minn l-anqas seba' snin, iżżomm il-kunfidenza ta' l-investituri u tevita spejjeż mhux mistennija. Dan il-qafas jippermetti li l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli biex tikkompeti ma' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija li ma jiġġeddux u jillimita l-ispiża lill-konsumatur, waqt li, f'terminu medju, inaqqas il-bżonn ta' appoġġ pubbliku.

(17) Penetrazzjoni tas-suq miżjuda ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli għandha tippermetti għall-ekonomiji ta' skala, b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż.

(18) Huwa importanti li tintuża s-saħħa tal-forzi tas-suq u tas-suq intern u tirrendi l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli kompetitiv u attraenti għaċ-ċittadini Ewropej.

(19) Meta jkun qed jiġi favorit l-iżvilupp ta' suq għal sorsi ta' enerġija rinovabbli, jeħtieġ li jitqies l-impatt pożittiv fuq opportunitajiet reġjonali u lokali ta' żvilupp, prospetti ta' esportazzjoni, koeżjoni soċjali u opportunitajiet tax-xogħol, speċjalment fir-rigward ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju kif ukoll produtturi ta' enerġija indipendenti.

(20) L-istruttura speċifika ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli għandhom jitqiesu, speċjalment meta jiġu riveduti l-proċeduri amministrattivi biex jinġab il-permess biex jinbnew impjanti li jipproduċu l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli.

(21) F'ċerti ċirkostanzi mhux possibbli li jkunu żgurati għal kollox it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli mingħajr ma tiġi affettwata l-affidabbiltà u s-sigurezza tas-sistema tad-distribuzzjoni u l-garanziji f'dan il-kuntest jistgħu jinkludu kumpens finanzjarju.

(22) L-ispejjeż ta' konnessjoni ta' produtturi ġodda ta' l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u għandu jitqies sew il-benefiċċju li ġeneraturi fissi jġibu lid-distribuzzjoni.

(23) Billi l-oġġettivi ġenerali ta' l-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu tajjeb mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti ta' l-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif imfisser fl-Artikolu 5 tat-Trattat. L-implimentazzjoni dettaljata tagħhom għandha, iżda, titħalla għall-Istati Membri, għalhekk kull Stat Membru ikun jista' jagħżel ir-reġim li jikkorrespondi l-aħjar għas-sitwazzjoni partikolari tiegħu. Skond

▼B

il-prinċipju ta' propozjonalità, kif ipprovdut f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn x'inhu meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA

*Artikolu 1*

**Skop**

L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tkun promossa żieda fil-kontribuzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli għall-produzzjoni ta' l-elettriku fis-suq intern għall-elettriku u biex tinħoloq bażi għal qafas tal-Komunità fil-ġejjieni tiegħu.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "sorsi ta' enerġija rinovabbli" għandha tfisser sorsi ta' enerġija mhux fossili rinovabbli (riħ, tax-xemx, ġeotermali, mewġ, fruġħ, enerġija mill-ilma, biomassa, gass tal-miżbla, gass mill-impjant tat-trattament tad-drenaġġ u bijogassijiet);

(b) "biomassa" għandha tfisser il-parti bijodegradabbli ta' prodotti, skart u residwi mill-agrikoltura (inkluż sostanzi veġetali u annimali), selvikoltura u industriji rrelatati, kif ukoll il-parti bijodegradabbli ta' skart industrijali u muniċipali;

(ċ) "elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli" għandha tfisser elettriku prodott minn impjanti li jużaw biss sorsi ta' enerġija rinovabbli, kif ukoll il-proporzjon ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli f'impjanti ibridi li jużaw ukoll sorsi ta' enerġija konvenzjonali u inkluż elettriku li jiġġedded użat biex jintlew sistemi ta' ħażna, u eskluż l-elettriku prodott bħala riżultat ta' sistemi ta' ħażna;

(d) "konsum ta' l-elettriku" għandha tfisser il-produzzjoni ta' l-elettriku nazzjonali, inkluż l-awtoproduzzjoni, flimkien ma' l-importazzjonijiet, ħlief għall-esportazzjonijiet (konsum gross nazzjonali ta' l-elettriku).

Barra dan, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fid-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern ta' l-elettriku ([1]).

*Artikolu 3*

**Miri indikattivi nazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa bix jinkoraġġixxu konsum akbar ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli skond il-miri indikattivi nazzjonali msemmija fil-paragrafu 2. Dawn il-passi għandhom ikunu fi proporzjon ma' l-oġġettiv li għandu jintlaħaq.

2. Mhux aktar tard mis-27 ta' Ottubru 2002 u kull ħames snin wara, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw rapport li jiffissa miri indikattivi nazzjonali għall-konsum futur ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli f'termini ta' perċentwal ta' konsum ta' l-elettriku għall-għaxar snin li jmiss. Dan ir-rapport għandu juri l-miżuri meħuda jew ippjanati, fil-livell nazzjonali, biex jintlaħqu dawn il-miri indikattivi nazzjonali. Biex jintlaħqu dawn il-miri sas-sena 2010, l-Istati Membri għandhom:

— iqisu l-valuri ta' referenza fl-Anness,

([1]) ĠU L 27, tat-30.1.1997, pġ. 20.

▼B

— jiżguraw li l-miri huma kompatibbli ma' kull impenn nazzjonali aċċettat fil-kuntest ta' l-impenji dwar il-bidla tal-klima aċċettati mill-Komunità bis-saħħa tal-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Bidla fil-Klima.

3. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw, għall-ewwel darba mhux aktar tard u wara kull sentejn, rapport li jinkludi analiżi ta' suċċess f'li jintlaħqu l-miri indikattivi nazzjonali wara li jitqiesu, partikolarment, il-fatturi klimatiċi li x'aktarx jistgħu jaffettwaw li jintlaħqu dawk il-miri u li jindikaw safejn il-miżuri meħuda huma konsistenti ma' l-impenn ta' bidla fil-klima nazzjonali.

4. Fuq il-bażi tar-rapporti ta' l-Istati Membri msemmija fil-paragrafi 2 u 3, il-Kummissjoni għandha tagħmel stima safejn:

— L-Istati Membri għamlu progress biex jilħqu l-miri indikattivi nazzjonali,

— il-miri indikattivi nazzjonali huma konsistenti mal-mira indikattiva globali ta' 12 % ta' konsum gross ta' enerġija nazzjonali sa 2010 u partikolarment bis-seħem indikattiv gross ta' konsum sa l-2010 u partikolarment b'22,1 % seħem indikattiv ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli fil-konsum totali ta' elettriku tal-Komunità sa l-2010.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-konklużjonijiet tagħha f'rapport, għall-ewwel darba mhux aktar tard mis-27 ta' Ottubru 2004 u imbagħad kull sentejn. Dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, kif xieraq, bi proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Jekk ir-rapport msemmi fit-tieni subparagrafu jikkonkludi li l-miri indikattivi nazzjonali x'aktarx li jkunu inkonsistenti, għal raġunijiet li m'humiex ġustifikati u/jew ma jirrelatawx ma' evidenza xjentifika ġdida, bil-mira indikattiva globali, dawn il-proposti għandhom jindirizzaw miri nazzjonali, inkluż miri obbligatorji possibbli, fil-forma xierqa.

*Artikolu 4*

**Skemi ta' appoġġ**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni ta' mekkaniżmi użati fl-Istati Membri skond liema produttur ta' l-elettriku, fuq il-bażi ta' regolamenti maħruġa mill-awtoritajiet pubbliċi, jirċievi appoġġ dirett jew indirett, u li jistgħu jkollhom effett li jirrestrinġu l-kummerċ, fuq il-bażi li dawn jikkontribwixxu għall-oġġettivi pprovduti fl-Artikoli 6 u 174 tat-Trattat.

2. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mis-27 ta' Ottubru 2005, tippreżenta rapport dokumentat sew fuq l-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni u l-koeżistenza ta' mekkaniżmi differenti msemmija fil-paragrafu 1. Ir-rapport għandu jistma s-suċċess, inkluż l-effettività taħt il-profil ta' spejjeż, tas-sistemi ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafu 1 fil-promozzjoni tal-konsum ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli f'konformità mal-mri indikattivi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 3(2). Dan ir-rapport għandu, jekk meħtieġ, ikun akkumpanjat b'proposta għal qafas Komunitarju fir-rigward ta' skemi ta' appoġġ għall-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli.

Kull proposta għal qafas għandha:

(a) tikkontribwixxi biex jintlaħqu miri indikattivi nazzjonali;

(b) tkun kompatibbli mal-prinċipji tas-suq intern ta' l-elettriku;

(ċ) tqis il-karatteristiċi tad-diversi sorsi ta' enerġija rinovabbli, flimkien mat-teknoloġiji differenti, u d-differenzi ġeografiċi;

(d) tippromwovi l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli b'mod effettiv, u tkun sempliċi u, fl-istess ħin, effiċjenti kemm jista' jkun, partikolarment f'termini ta' spiża;

(e) tinkludi perjodi transitorji suffiċjenti għal sistemi ta' appoġġ nazzjonali għal mill-anqas seba' snin u żżomm l-kunfidenza ta' l-investitur.

▼B

*Artikolu 5*

**Garanzija ta' l-oriġini ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli**

1. L-Istati Membri għandhom, mhux aktar tard mis-27 ta' Ottubru 2003, jiżguraw li l-oriġini ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli tista' tkun iggarantita bħala tali fit-tifsira ta' din id-Direttiva skond l-oġġettiv, kriterji trasparenti u mhux diskrimatorji preskritti f'kull Stat Membru. Għandhom jiżguraw li garanzija ta' l-oriġini tinħareġ f'dan is-sens b'risposta għal talba.

2. L-Istati Membri jistgħu jaħtru korp wieħed kompetenti jew aktar, indipendenti minn attivitajiet ta' ġenerazzjoni u distribuzzjoni, biex ikun sorveljat il-ħruġ ta' dawn il-garanziji ta' l-oriġini.

3. Garanzija ta' l-oriġini għandha:

— tispeċifika s-sorsi ta' l-enerġija minn fejn kien prodott l-elettriku, waqt li jkunu speċifikati d-dati u l-postijiet ta' produzzjoni, u fil-każ ta' stallazzjonijiet idroelettriċi, tindika l-kapaċità;

— isservi biex tippermetti l-produtturi ta' l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli biex jintwera li l-elettriku li jbiegħu huwa prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli fit-tifsira ta' din id-Direttiva.

4. Dawn il-garanziji ta' oriġini, maħruġa skond il-paragrafu 2, għandhom ikunu rikonoxxuti reċiprokament mill-Istati Membri, esklussivament bħala prova ta' l-elementi msemmija fil-paragrafu 3. Kull rifjut biex tkun rikonoxxuta garanzija ta' l-oriġini ta' din il-prova, partikolarment għal raġunijiet dwar il-prevenzjoni ta' frodi, għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorju. Fil-każ ta' rifjut għar-rikonoxximent ta' garanzija ta' oriġini, il-Kummissjoni tista' ġġiegħel lill-parti li qed tirrifjutaha, partikolarment fir-rigward ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji li fuqhom huwa bbażat ir-rikonoxximent.

5. L-Istati Membri jew il-korpi kompetenti għandhom idaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi xierqa biex jiżguraw li ġaranziji ta' l-oriġini huma kemm preċiżi u affidabbli u għandhom juru fir-rapport msemmi fl-Artikolu 3(3) il-miżuri meħuda biex jiżguraw l-affidabbiltà tas-sistema ta' garanzija.

6. Wara li tkun ikkonsultat l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, fir-rapport msemmi fl-Artikolu 8, tikkunsidra l-forma u l-metodi li l-Istati Membri jistgħu jsegwu biex jiggarantixxu l-oriġini ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tipproponi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-adozzjoni ta' regoli komuni f'dan ir-rigward.

*Artikolu 6*

**Proċeduri amministrattivi**

1. L-Istati Membri jew il-korpi kompetenti maħtura mill-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-qafas eżistenti leġislattiv u regolatorju fir-rigward ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni jew proċeduri oħra preskritti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/92/KE, li huma applikabbli għall-impjanti ta' produzzjoni għall-eletrriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli, biex:

— inaqqsu l-ostakoli regolatorji u mhux regolatorju għaż-żieda fil-produzzjoni ta' l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli,

— iwittu u jħaffu proċeduri fil-livell xieraq amministrattiv, u

— jiżguraw li r-regoli huma oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji, u jqisu bis-sħiħ il-partikolaritajiet tad-diversi teknoloġiji tas-sorsi ta' enerġija rinovabbli.

2. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw, mhux aktar tard mis-27 ta' Ottubru 2003, rapport fuq il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jindikaw, fejn xieraq, l-azzjonijiet meħuda. L-iskop ta' dan ir-rapport huwa biex ikun ipprovdut, fejn dan huwa xieraq fil-kuntest ta' leġislazzjoni nazzjonali, indikazzjoni ta' l-istadju milħuq speċifikament fi:

▼B

— kordinazzjoni bejn korpi amministrattivi differenti fir-rigward ta' l-iskadenzi, preżentata u t-trattament ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet,

— isiru linji ta' gwida possibbli għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, u l-possibbiltà ta' proċedura ta' ippjanar imgħaġġel għall-produtturi ta' l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli, u

— l-indikazzjoni ta' l-awtoritajiet li jaġixxu bħala medjaturi f'tilwim bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet u applikanti għall-awtorizzazzjonijiet.

3. Il-Kummissjoni għandha, fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 8 u fuq il-bażi tar-rapporti ta' l-Istati Membri msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, tistma l-aħjar prattiċi biex tilħaq l-oġġettivi msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 7*

**Kwistjonijiet fuq is-sistema tad-distribuzzjoni**

1. Bla ħsara għaż-żamma ta' l-affidabbiltà u s-sigurtà tad-distribuzzjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni fit-territorju tagħhom jiggarantixxu t-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli. Għandhom jipprovdu wkoll għall-aċċess prijoritarju għas-sistema tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku prodott sorsi ta' enerġija rinovabbli. Meta jintbagħtu stallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni, l-operaturi tas-sistema għandhom jagħtu prijorità lil stallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni li jużaw sorsi ta' enerġija rinovabbli safejn tippermetti l-operazzjoni tas-sistema nazzjonali ta' l-elettriku.

2. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ qafas legali jew jeħtieġu operaturi tas-sistema tat-trasmissjoni u operturi tas-sistema ta' distribuzzjoni biex jistabbilixxu u jippubblikaw ir-regoli standard tagħhom rigward min jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' l-addattamenti tekniċi, bħal konnessjonijiet mad-distribuzzjoni u rinforzi għad-distribuzzjoni, li huma meħtieġa biex ikunu integrati produtturi ġodda li jagħtu l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija li tiġġedded fis-sistema ta' distribuzzjoni interkonnessa.

Dawn ir-regoli għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji wara li jitqiesu partikolarment l-ispejjeż u l-benefiċċji kollha assoċjati mal-konnessjoni ta' dawn il-produtturi mad-distribuzzjoni. Ir-regoli jistgħu jipprovdu għal tipi differenti ta' konnessjoni.

3. Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u operatri tas-sistema ta' distribuzzjoni jħallsu, għal kollox jew f'parti, l-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 2.

4. Operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom jeħtieġu li jipprovdu kull produttur ġdid li jixtieq ikun imqabbad b'stima komprensiva u dettaljata ta' l-ispejjeż assoċjati mal-konnessjoni. L-Istati Membri jistgħu jippermettu l-produtturi ta' l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli li jixtiequ jitqabbdu mad-distribuzzjoni li joħorġu sejħa għall-offerti għax-xogħol ta' konnessjoni

5. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ qafas legali jew jeħtieġu operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni li jistabbilixxu u jippubblikaw ir-regoli standard tagħhom dwar it-tqassim ta' l-ispejjeż ta' l-istallazzjonijiet tas-sistema, bħall-konnessjonijiet tad-distribuzzjoni u rinfurzar, bejn il-produtturi kollha li jibbenefikaw minnhom.

It-tqassim għandu jkun infurzat b'mekkaniżmu bbażat fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji li jqisu l-benefiċċji li l-produtturi mqabbda fil-bidu u wara kif ukoll operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni jkollhom mill-konnessjonijiet.

▼B

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet għat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ma jiddiskriminawx kontra l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli, inkluż partikolarment elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli prodotti f'reġjuni periferiċi, bħal reġjuni ta' ġżejjer u reġjuni b'densità ta' popolazzjoni baxxa.

Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ qafas legali jew jeħtieġu li operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni jiżguraw li d-drittijiet għat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' l-elettriku minn impjanti li jużaw is-sorsi ta' enerġija rinovabbli jirriflettu benefiċċji ta' spiża realizabbli li jirriżultaw mill-konnessjoni ta' l-impjant mat-netwerk. Dawn il-benefiċċji ta' l-ispiża jistgħu joħorġu mill-użu dirett tad-distribuzzjoni b'vultaġġ baxx.

7. L-Istati Membri għandhom, fir-rapport umsemmi fl-Artikolu 6(2), jikkunsidraw ukoll il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiffaċilitaw aċċess għas-sistema tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku prodott mis-sorsi ta' enerġija rinovabbli. Dak ir-rapport għandu jeżamina, fost oħrajn, il-possibbiltà ta' introduzzjoni ta' *two-way metering*

*Artikolu 8*

**Rapport fil-qosor**

Fuq il-bażi tar-rapporti mill-Istati Membri bis-saħħa ta' l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 6(2), il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 u wara kull ħames snin, rapport fil-qosor fuq l-implimentazzjoni ta' din id Direttiva.

Dan ir-rapport għandu:

— jikkunsidra l-progress li sar fir-rifless ta' l-ispejjeż esterni għall-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli u l-impatt ta' appoġġ pubbliku mogħti lill-produzzjoni ta' l-elettriku,

— jqis il-possibbiltà għall-Istati Membri li jilħqu l-miri indikattivi nazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-mira indikattiva globali msemmija fl-Artikolu 3(4) u l-eżistenza ta' diskriminazzjoni bejn s-sorsi differenti ta' l-enerġija.

Jekk xieraq, il-Kummissjoni tista' tissottometti mar-rapport aktar proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 9*

**Trasposizzjoni**

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex iħarsu din id-Direttiva mhux aktar tard mis-27 ta' Ottubru 2003. Għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni minnufih.

Meta Stat Membru jadotta dawn il-miżuri, għandhom ikollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-riferenza għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri.

*Artikolu 10*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

*Artikolu 11*

**Lil min indirizzata**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*ANNESS*

**Valuri ta' referenza għall-miri indikattivi nazzjonali ta' l-Istati Membri għall-kontribuzzjoni ta' l-elettriku prodott mis-sorsi ta' enerġija rinovabbli għall-konsum gross ta' l-elettriku sa l-2010.** (*)

Dan l-Anness jagħti valuri ta' riferenza għall-iffissar ta' miri indikattivi nazzjonali għall-elettiku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli ("RES-E"), kif Imsemmi fl-Artikolu 3(2):

| | RES-E TWh 1997 (**) | RES-E % 1997 (***) | RES-E % 2010 (***) |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 0,86 | 1,1 | 6,0 |
| ▼A1 Ir-Repubblika Ċeka | 2,36 | 3,8 | 8 (*****) |
| ▼B Id-Danimarka | 3,21 | 8,7 | 29,0 |
| Il-Ġermanja | 24,91 | 4,5 | 12,5 |
| ▼A1 L-Estonja | 0,02 | 0,2 | 5,1 |
| ▼B Il-Greċja | 3,94 | 8,6 | 20,1 |
| Spanja | 37,15 | 19,9 | 29,4 |
| Franza | 66,00 | 15,0 | 21,0 |
| L-Irlanda | 0,84 | 3,6 | 13,2 |
| L-Italja | 46,46 | 16,0 | 25,0 (1) |
| ▼A1 Ċipru | 0,002 | 0,05 | 6 |
| Il-Latvja | 2,76 | 42,4 | 49,3 |
| Il-Litwanja | 0,33 | 3,3 | 7 |
| ▼B Il-Lussemburgu | 0,14 | 2,1 | 5,7 (2) |
| ▼A1 L-Ungerija | 0,22 | 0,7 | 3,6 |
| Malta | 0 | 0 | 5 |
| ▼B L-Olanda | 3,45 | 3,5 | 9,0 |
| L-Awstrija | 39,05 | 70,0 | 78,1 (3) |
| ▼A1 Il-Polonja | 2,35 | 1,6 | 7,5 |
| ▼B Il-Portugall | 14,30 | 38,5 | 39,0 (4) |
| ▼A1 Is-Slovenja | 3,66 | 29,9 | 33,6 |
| Is-Slovakkja | 5,09 | 17,9 | 31 |
| ▼B Il-Finlandja | 19,03 | 24,7 | 31,5 (5) |
| L-Isvezja | 72,03 | 49,1 | 60,0 (6) |
| Ir-Renju Unit | 7,04 | 1,7 | 10,0 |

▼B

▼A1

| | RES-E TWh 1997 (**) | RES-E % 1997 (***) | RES-E % 2010 (***) |
|---|---|---|---|
| Il-Komunità | 355,2 | 12,9 | 21 |

(*) Waqt li jqisu l-valuri ta' referenzi pProvduti f'dan l-Anness, l-Istati Membri jagħmlu l-assunzjoni meħtieġa li l-linji ta' gwida dwar l-għajnuna Statali għall-protezzjoni ta' l-ambjent jippermettu għall-eżistenza ta' skemi nazzjonali ta' appoġġ għall-promozzjoni ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli.

►A1 (**) Id-data jirreferu għall-produzzjoni nazzjonali ta' RES-E fl-1997, minbarra fir- Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja fejn id-data jirreferu għall-1999.

(***) Il-kontribuzzjonijiet f'perċentwali ta' RES-E fl-1997 (fl-1999-2000 għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja) u l-2010 huma bbażati fuq il-produzzjoni nazzjonali ta' RES-E diviż mill-konsum nazzjonali gross ta' l-elettriku. Għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, il-konsum nazzjonali gross ta' l-elettriku huwa bbażat fuq data ta' l-2000. Fil-każ ta' kummerċ intern ta' RES-E (b'ċertifikazzjoni rikonoxxuta jew bl-oriġini reġistrata) il-kalkolu ta' dawk il-perċentwalitajiet jinfluwenza il-figuri ta' l-2010 għall-Istati Membri imma mhux tat-total tal-Komunità. ◄

(****) Ċifra arrotondita li tirriżulta mill-valuri ta' referenza ta' hawn fuq.

►A1 (*****) Meta jittieħed kont tal-valuri ta' referenza indikattivi mniżżla fl-Anness, ir-Repubblika Ċeka tinnota li l-possibbiltà li tilħaq din il-mira indikattiva hija dipendenti ħafna fuq fatturi klimatiċi li jolqtu sew il-livell tal-produzzjoni ta' l-enerġija idro-elettrika u l-użu ta' l-enerġija solari u bir-riħ.

Il-Programm Nazzjonali għat-Tmexxija Ekonomika ta' l-Enerġija u l-Użu ta' Riżorsi ta' l-Enerġija Renovabbli kien approvat mill-Gvern f'Ottubru 2001 u jindika mira mis-sehem ta' l-elettriku mir-RES fil-konsum gross ta' l-elettriku ta' 3,0 % (minbarra l-impjanti kbar ta' l-enerġija ta' l-ilma 'l fuq ta' iktar minn 10 MW) u 5,1 % (inklużi l-impjanti kbar ta' l-enerġija ta' l-ilma 'l ta' iktar minn 10 MW) sa l-2005.

Fl-assenza tar-riżorsi naturali, l-estensjoni ta' l-*output* sostanzjali addizzjonali ta' impjanti ta' l-enerġija ta' l-ilma kemm kbar kemm żgħar ma tibgħax possibbli. ◄

([1]) L-Italja tistqarr li 22 % hija aktarx ċifra realistika, bl-intendiment li fl-2010 il-konsum gross nazzjonali ta' l-elettriku ser ikun 340 TWh. Meta jitqiesu l-valuri ta' riferenza pprovduti f'dan l-Anness, l-Italja assumiet li l-produzzjoni grossa nazzjonali ta' l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli ser tilħaq sa 76 TWh fl-2010. Din il-figura tinkludi l-kontribuzzjoni ta' frazzjoni mhux bijodegradabbli ta' skart muniċipali u industrijali użata f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Komunità fuq il-ġestjoni ta' l-iskart.

F'dan ir-rigward, il-kapaċità li tintlaħaq il-mira indikattiva kif msemmija f'dan l-Anness, huwa kontinġenti, fost oħrajn, fuq il-livell effettiv tad-domanda nazzjonali għall-enerġija elettrika fl-2010.

([2]) Waqt li jitqiesu l-valuri ta' referenza indikattiva pprovduti f'dan l-Anness, il-Lussemburgu jidhirlu li l-oġġettiv iffissat għall-2010 jista' jintlaħaq biss jekk:

— il-konsum totali ta' l-elettriku fl-2010 ma jaqbiżx dak ta' l-1997,
— l-elettriku ġġenerat bir-riħ jista' jkun immultiplikat b'fattur ta' 15,
— l-elettriku ġġenerat bil-bijogass jista' jiġi mmultiplikat b'fattur ta' 208,
— l-elettriku prodott mill-uniku inċineratur ta' l-iskart muniċipali fil-Lussemburgu, li fl-1997 issupplixxa nofs l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli, tista' titqies fl-intier tagħha,
— l-elettriku ġġenerat b'metodu fotovoltajku jista' jiżdied għal 80 GWh, usa fejn il-punti fuq imsemmijin jistgħu jinkisbu mil-lat tekniku fil-ħin permess.

Fl-assenza ta' riżorsi naturali, żieda addizzjonali fl-elettriku ġġenerat minn impjanti ta' enerġija idroelettrika għandha tiġi eliminata.

([3]) L-Awstrija tiddikjara li 78,1 % tkun figura realistika meta wieħed jassumi li fl-2010 il-konsum ta' l-elettriku nazzjonali gross ikun 56,1 TWh. Minħabba fil-fatt li l-produzzjoni ta' l-elettriku minn sorsi rinovabbli jiddependi ħafna fuq l-idroenerġija u għalhekk mill-ammont ta' xita fis-sena, il-figuri għall-1997 u 2010 għandhom jiġu kkalkolati fuq mudell fit-tul ibbażat fuq kondizzjonijiet idroloġiċi u klimatiċi.

([4]) Il-Portugall, meta jitqiesu l-valuri ta' referenza, stabbiliti f'dan l-Anness, jiddikjara li biex jinżamm is-sehem ta' l-1997 ta' elettriku prodott minn sorsi rinovabbli bħala mira indikattiva għall-2010, wieħed assuma li:

— ikun possibbli li jitkompla l-pjan nazzjonali dwar l-elettriku li tinbena kapaċità idrika ġdida ogħla minn 10 MW,
— kapaċità oħra rinovabbli, li tkun possibbli biss jekk ikun hemm għajnuna finanzjarja mill-Istat, tikber b'rata annwali li tkun tmien darbiet ogħla minn dak li ġara reċentement.

Dawn is-suppożizzjonijiet jimplikaw li l-kapaċità ġdida għall-produzzjoni ta' l-elettriku minn sorsi rinovabbli, esklużi impjanti idriċi kbar, ser tikber b'rata li tkun daqs darbtejn ir-rata tat-tkabbir tal-konsum gross nazzjonali ta' l-elettriku.

([5]) Fil-pjan ta' azzjoni tal-Finlandja għal sorsi ta' enerġija rinovabbli, ġew stabbiliti l-miri għall-volum ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli li ser jintużaw fl-2010. Dawn il-miri ġew stabbiliti fuq il-bażi ta' studji estensivi fuq l-isfond tal-materja. Il-pjan ta' azzjoni ġie approvat mill-Gvern f'Ottubru ta' l-1999.

Skond il-pjan ta' azzjoni tal-Finlandja, is-sehem ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli sal-2010 ikun 31 %. Din il-mira indikattiva hi ambizzjuża ħafna u biex tiġi fis-seħħ hemm bżonn ta' miżuri ta' promozzjoni fil-Finlandja.

([6]) Meta jitqiesu l-valuri ta' referenza stabbiliti f'dan l-Anness, l-Isvezja tinnota li l-possibbiltà li tintlaħaq il-mira tiddependi ħafna minn fatturi klimatiċi li jaffettwaw kważi kompletament il-livell tal-produzzjoni ta' l-enerġija idrika, b'mod partikolari l-varjazzjonijiet fil-pluvjometrija, il-perjodi matul is-sena meta tinżel ix-xita, u l-ġbir tagħha. L-elettriku prodott minn enerġija idrika jista' jvarja sostanzjalment. Fi snin estremament xotti, il-produzzjoni tista' tkun ta' 51 TWh, waqt li fi snin bix-xita tista' tammonta għal 78 TWh. Il-figura għall-1997 għandha għalhekk tiġi kalkolata ma' mudell fit-tul ibbażat fuq fatti xjentifiċi dwar tibdil idroloġiku u klimatiku.

L-użu ta' statistiċi ta' ġbir ta' ilma li jkopru perjodu ta' żmien ta' 30 sa 60 sena hu metodu li hu applikat b'mod ġenerali f'pajjiżi li għandhom sehem importanti ta' produzzjoni ta' enerġija idrika. Għalhekk, skond il-metodoloġija Svediża u bbażat fuq il-kondizzjonijiet għall-perjodu 1950 – 1999, b'korrezzjonijiet għad-differenzi fil-kapaċità totali ta' produzzjoni ta' enerġija idrika u ġbir matul is-snin, il-produzzjoni medja ta' enerġija idrika tammonta għal 64 TWh li tikkorrispondi ma' figura ta' 46 % għall-1997, u f'dan il-kuntest l-Isvezja tikkunsidra 52 % bħala figura aktar realistika għall-2010.

Barra minn hekk, il-kapaċità ta' l-Isvezja li tikseb il-mira hi llimitata bil-fatt li x-xmajjar li fadal li mhumiex esplojtjati huma protetti bil-liġi. Minbarra dan, il-kapaċità ta' l-Isvezja li tilħaq il-mira tiddependi kważi totalment fuq:

— l-espansjoni ta' l-enerġija u s-sħana kkombinati (CHP) li tiddependi fuq id-densità tal-popolazzjoni, id-domanda għas-sħana u l-iżvilupp teknoloġiku, b'mod partikolari għall-gassifikazzjoni tal-likur iswed, u
— l-awtorozzazzjoni għall-impjanti ta' enerġija mir-riħ skond il-liġijiet nazzjonali, l-aċċettazzjoni tal-pubbliku, l-iżvilupp teknoloġiku u l-espansjoni tas-sistemi ta' distribuzzjoni.